# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba nru. **80/2019**

**DANIEL ZAMMIT**

***VERSUS***

**ROCCO BARTOLUCCIO**

**Illum, it-Tnejn, 3 ta' Frar, 2020**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' l-attur ta' l-24 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 45) illi permezz tieghu talab l-awtorizzazzjoni biex jipprezenta bhala prova *recordings* ta' telefonati u t-traskrizzjonijiet relattivi bejn il-partijiet mehuda mill-istess attur illi, fil-fehma tieghu, jsahhu l-provi u huma krucjali ghall-kaz prezenti;

Ra r-risposta tal-konvenut tas-17 ta' Dicembru, 2019 (*a fol*. 50) li fiha l-istess konvenut, ghal numru ta' motivi, jopponi ghall-imsemmija talba, fosthom illi:

- m'hemm l-ebda provi li r-*recordings* sehhew mal-konvenut;
- il-fatt wahdu li hemm pluralità ta' *recordings* turi l-malinjità ta' l-attur u hi manifestazzjoni ta' ingann u qerq;
- il-fatt li l-attur qed jitlob l-awtorizzazzjoni biex jezibixxi tali *recordings* u traskrizzjonijiet relattivi turi kemm verament ma kienx hemm kunsens da parti tal-konvenut li jigi rikordjat (li s-sitwazzjoni kienet tkun ben diversa kieku l-oggezzjoni ssir wara li dawn ir-*recordings* lahqu gew ezibiti u sussegwentement ikun hemm talba ghall-isfilz taghhom);
- li hemm il-biza' li l-attur ikun selettiv fl-ghazla ta' liema *recordings* jigu prezentati u mhux li jigu ezibiti fis-sekwenza intiera u kronologija taghhom;

- l-ghemil ta' l-attur jikkostitwixxi processar ta' data personali in vjolazzjoni tal-Kapitolu 440 (illum Kapitolu 586) tal-Ligijiet ta' Malta;[1]
- apparti bi ksur ta' l-imsemmi Kapitolu 586, l-agir ta' l-attur jikser ukoll ir-Regolamenti Generali tal-Protezzjoni tad-Data (Regolament UE 2016/679);
- dan it-Tribunal huwa prekluz milli jippermetti, jaccetta u juza provi akkwistati b'mod illecitu u illegali bi ksur tal-Ligijiet.

It-Tribunal jikkunsidra hekk kif gej.

Dan hu provvediment, ossia digriet, dwar is-suddett episodju processwali, fejn l-attur jixtieq jezibixxi registrazzjonijiet ta' telefonati li ghaddew bejn il-partijiet (u t-traskrizzjoni/jiet taghhom) dwar il-vicenda mertu tal-prezenti kawza ghax jemmen li l-istess jitfghu dawl siewi fuq il-grajja processwali u ghax isahhu l-verzjoni tieghu f'dan il-procediment. Min-naha tal-konvenut, hekk kif diga' elenkat *supra*, hu jirrezisti u jopponi ghall-prezentazzjoni ta' tali mezz ta' prova ghax jikkontendi, *inter alia*, li hi evidenza intrinsikament illecita u akkwistata b'mod illegali, leziva ta' certa jeddijiet tieghu.

Kunsidrati l-posizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, it-Tribunal jwettaq l-osservazzjonijiet li gejjin fuq it-tematika in dizamina.

Imkien fl-ordinament guridiku patriju m'hemm esplicitament regolat kif ghandhom jingiebu l-provi quddiem min ghandu jiggudika, hlief kif *inter alia* dispost fl-Art. 558 u Art. 559 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel imsemi Artikolu jghid illi, "*Kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet*" filwaqt li t-tieni wiehed jipprovdi li, "*Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*" Ghalhekk, dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq.[2] Imkien fil-ligi ritwali taghna ma hemm dispost li s-sors jew l-otteniment tal-prova (f'dan il-kaz ir-registrazzjonijiet u t-traskrizzjonijiet relattivi) ghandhom ikunu fundamentalment legali jew intrinsikament leciti. Anzi, il-qrati taghna asserew li, "*hu mholli fl-ghazla tal-parti illi b'kull mod taghmel uzu minn elementi probatorji ohrajn. Dan ghaliex ukoll fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod*." (**Vodafone Malta Ltd v. Mark Vella**, Appell Inferjuri, 15 ta' Dicembru, 2003). Riflessjoni ta' tali folosofija tinsab riflessa fl-Art. 632 tal-Kodici ta' Procedura Civili li l-ewwel sub-inciz tieghu jistipula illi, "*Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova*", filwaqt li t-tieni sub-inciz tieghu

---

[1] Jigi rilevat illi l-Kapitolu 440 tal-Ligijiet ta' Malta gie imhassar u sostitwit bl-Att Nru. XX ta' l-2018 intitolat "Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data" (Kapitolu 586 tal-Ligijiet ta' Malta).

[2] Ghalkemm l-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 jaghti s-setgha lill-gudikatur "*jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova*", dan ma jfissirx li l-provi hekk imressqa ghandhom ikunu privi minn certa rilevanza sostantiva u/jew sahha probatorja.

jissokta jippuntwalizza li, "*Tista' wkoll tinġieb bi prova kull kitba, stampata jew le, skrizzjoni, siġill, bandiera, strument jew għodda ta' arti jew sengħa, talja jew talja bi tqabbil, mappa, sinjal jew marka, li tista' tagħti informazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fatti miġjuba fil-kawża.*" L-ampjezza ta' din l-ahhar disposizzjoni titkellem wehidha.

Wiehed jista' jghid li l-ghan primarju tal-legislatur Malti hi dwar ir-rilevanza tal-prova u mhux dwar il-*fons et origo* taghha, ghax tali rilevanza taf twassal ghall-ghan ahhari tal-vicenda, u cioè ghall-iskoperta tal-verità ta' dak li jkun sehh u li jkun qed jigi mpoggi taht skrutinju gudizzjarju. Kif osservat fil-kawza *in re* **Grazia Meilak et vs. Salvatore Grech** (Prim'Awla, 12 ta' Marzu, 1964 *per* Imh. Maurice Caruana Curran), "*Ir-ricerka tal-verità ghandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni*" u f'tali ricerka – skond il-qafas ta' ordinament taghna – wiehed m'ghandux jintilef fis-sors dubjuz *o meno* tan-natura ta' l-evidenza, liema evidenza taf tkun assai rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Wiehed jista' jirrakjudi dan l-aspett fil-frazi klassika: "il-fini jiggustifika il-mezz".

Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda *de quo* dak il-principju maghruf bhala "fruits of the poisoned tree". Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv *ad inceptio* jirriverbera *ex posterior* fuq kollox li johrog jew jemana minnu). Madanakollu, jigi sottolinejat, illi tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dixit".[3]

Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghall-principji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.[4] Ghalhekk, wiehed idur biex

---

[3] Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez.* Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[4] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-*fons* tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti **PAOLO DE BONO** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa*

jara kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward.

Insibu ritenut illi, "*The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies. This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it. The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible*" (**Ian Dennis**, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "*The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law. Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence*." (*ibid*. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' **J. D. Heydon** intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "*Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...*".

---

*nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u noltre illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: «*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del Best, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal Lely (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza *in re* **Lawrence *sive* Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela** (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("*Modern Law of Evidence*", 2nd edition) u l-opra intitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri *in re* **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni *in re* **Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l-Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglo-sassona [*vide* pagna 13 ta' dik is-sentenza].

Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Il-qrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-senjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid-decizjoni *in re* **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** (Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000):

« *Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal-"common law" Ingliza in materja (ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll P. v. Josephine Bonello, App. Krim. 16/10/42 u s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of <u>law</u>" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

« *Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l-'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis-sistema taghna hija li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli."*

« *Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il-House of Lords fil-kaz R. v. Khan (Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occipiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*

« *Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema*

> *taghna ... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996.* »

In kongunta ma' dak appena osservat, fid-decizjoni *in re* **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** (Qorti ta' Appell Kriminali, 26 ta' April, 2001) inghad illi, "*Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli*." Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.

Din tidher li ghadha l-posizzjoni prevalenti li tirregola l-kwistjoni prezenti u nonostanti li tali principju qed jittiehed mix-xenarju penali, xorta wahda japplika *mutatis mutandis* ghax-xenarju ta' procediment civili hekk kif *del resto* huwa muri fil-provvediment datat 14 ta' Frar, 2019 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) *in re* **Jeffrey Cutajar v. Peter Caruana et** (ref. nru. 275/2017/MF) li jitratta xenarju ferm simili ghal dak prezenti u kif ukoll rifless fid-digriet kamerali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Dicembru, 2012 fil-proceduri *in re* **Raymond Cutajar v. Grand Hotel Excelsior Limited** (ref. nru. 538/2012/AE). F'dan l-ahhar imsemmi provvediment dik il-qorti affermat, *inter alia*, illi, "*Persuna ghandha dritt li tirrikordja konversazzjoni li jkollha ma' persuna ohra. Il-fatt li dan issir bil-mohbi tal-parti l-ohra ma jfissirx li l-prova m'hijiex ammissibbli. Persuna ghandha kull opportunità li fix-xhieda taghha tirrakkonta dak li jkun intqal waqt il-konversazzjoni. Ir-recording hu mezz kif dik il-persuna tikkorabora dak li tkun xehedet dwaru u xejn aktar.*" Fiz-zewg citati provvedimenti l-qrati accettaw ir-registrazzjonijiet bhala prova ammissibbli.

Mat-taghlim fuq riportat, it-Tribunal izid dak li hareg mill-kaz ta' ***Balvinder Singh v. Salinder Singh et***, deciz fis-17 ta' Gunju, 2016 mill-High Court of Justice (Chancery Division), fejn l-Imhallef David Cooke esprima ruhu hekk dwar il-materja ta' registrazzjonijiet telefonici bil-mohbi ta' parti: "*It is true to say that these must be approached with some caution, as there is always a risk that where one party knows a conversation is being recorded but the other does not the content may be*

*manipulated with a view to drawing the party who is unaware into some statement that can be taken out of context. But there can be great value in what is said in such circumstances, where the parties plainly know the truth of the matters they are discussing and are talking (at least on one side) freely about them*." (*vide* para. §11 tas-sentenza).

L-insenjamenti fuq riportati japplikaw perfettament ghall-kaz odjern.

Anke f'dan il-kaz, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li r-registrazzjoni/jiet tat-telefonati tieghu ma' l-attur kienu (jew huma) illegali – tant illi hu stess jirrimarka fir-risposta tieghu illi hu "*qed jirrizerva minn issa d-dritt li jipprezenta ilment formali lil Information and Data Protection Commissioner (IDPC).*" Però – u dan kif muri *supra* – anke kieku kellu jirrizulta li din it-telefonata (jew izjed) giet registrata illegalment, ir-registrazzjoni hija xorta wahda prova ammissibbli fl-odjerni proceduri.

It-Tribunal ezamina l-Kapitolu 586 u r-Regolament (UE) 2016/679 fuq imsemmija biex jivverifika jekk f'xi wiehed minn dawn iz-zewg legislazzjonijiet inholqitx xi "exclusionary rule" izda l-ebda wahda minn dawn iz-zewg ligijiet ma tidher li inholqot tali regola. Inoltre, it-Tribunal jazzarda jghid li wiehed ma jistax jinvoka d-dritt ta' privatezza (*privacy*) biex isostni l-illegittimità tar-registrazzjoni (u l-konversazzjoni fiha kontenuta) bhala prova ammissibbli stante li r-riservatezza naturalment ma toperax meta huwa l-istess titolari tal-jedd relattiv (i.e., il-konvenut) li tacitament jirrinunzja ghaliha hekk kif inhu l-kaz meta hu jaghzel li jartikola hsibijietu dwar fatti ma' ohrajn (anke tramite telefonata). Inoltre, skond l-Artiklu 2 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-istess Regolament "*japplika għall-ipproċessar ta' data personali kompletament jew parzjalment b'mezzi awtomatizzati, u għall-ipproċessar għajr b'mezzi awtomatizzati ta' data personali li tifforma parti minn sistema ta' arkivjar jew li tkun maħsuba sabiex tifforma parti minn sistema ta' arkivjar*" u l-istess Regolament, kif previst taht l-Artiklu 2(c) tieghu, "*ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali ... minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar*." Ghalhekk, tali legislazzjoni specjali u specifika ma ssibx applikazzjoni ghat-trattament ta' dati personali effettwat minn persuna fizika fl-ambitu ta' attività b'karattru esklussivament personali jew domestiku u quindi, minghajr ebda konnessjoni ma' attività kummercjali jew professjonali.

Ghall-kompletezza, it-Tribunal ra wkoll il-kazistika tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. Fil-ktieb ta' **HARRIS, O'BOYLE, BATES & BUCKELY** intitolat "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxfrod University Press, 2014; pp. 418–419)[5] jinghad hekk: "*In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not law down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular*

[5] Il-konvenut jaghmel referenza ghal dan il-ktieb partikolari fir-risposta tieghu u ghas-sentenzi esteri li ser jissemmew *infra*.

*types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based. The Schenk case was applied in Khan v. UK, in which again no breach of Article 6 was found. There, a conversation between the applicant and X on the latter's premises has been recorded by an electronic listening device secretly installed on the premises by the police. The recording was admitted in evidence at the applicant's trial for a drug trafficking offence. In contrast to the Schenk case, the installation and use of the device were not contrary to national criminal law, although it was obtained in breach of Article 8 of the Convention. The recording was the only evidence on which the applicant's conviction was based, but this consideration was discounted by the Court on the basis that the recording had in fact also been important, possibly decisive evidence. Moreover, the applicant had, as in the Schenk case, been able to challenge the authenticity and admissibility of the recording and the national courts at three levels of jurisdiction had rejected claims that it should be excluded as rendering the proceedings unfair. As emerges from these cases, whether the use of evidence obtained in breach of Article 8[6] of the Convention renders a trial unfair in breach of Article 6[7] depends on the circumstances, including whether the rights of the defence have been respected and the strength of the evidence*."

Ghalhekk, in vista tar-riflessjonijiet kollha fuq maghmula, dan it-Tribunal josserva illi r-registrazzjoni ta' konversazzjoni telefonika (jew izjed), bhala registrazzjoni fonografika, tikkostitwixxi forma ta' memorizzazzjoni ta' fatt storiku akkadut u l-awtur taghha ghandu jedd, ai finijiet ta' procediment gudizzjarju, li jiddisponi minnha u jutilizzaha bhala prova f'kawza, dejjem salv li eventwalment tigi kunsidrata r-rilevanza relattiva. Inoltre, anke jekk ad insaputa ta' wahda mill-partijiet, tali registrazzjoni hi xorta wahda evidenza legittima u ammissibbli ai finijiet ta' procediment gudizzjarju, nonostanti li tigi ezegwita klandestinament, cioè minghajr ma' l-interlokutur jigi infurmat li qed jigi hekk registrat. Del resto, wiehed ghandu dejjem jistenna li min qed jitkellem ma' ohrajn jinsab implicitament jassumi r-responsabbilità ta' dak kollu li qed jghid, immaterjali jekk id-diskors jigi registrat

[6] Li jitkellem, *inter alia*, dwar id-dritt fundamentali ghall-privatezza.
[7] Li jitkellem dwar id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq.

jew le.  Altrimenti, wiehed jistenna li l-konsapevolezza tar-registrazzjoni tad-diskors jew tat-telefonata, minflok ma toffri artikolazzjoni ta' posizzjoni skjetta, volontarja, kandida u/jew sinciera, tkun wahda irrigidita, ekwivoka, ostensibbli u/jew superficjali.

Qabel l-gheluq, it-Tribunal josserva inoltre illi fir-risposta tieghu l-konvenut donnu jittenta jwettaq distinzjoni bejn ix-xenarju fejn "*ir-rikorrenti lahaq ipproduca recordings fl-istadju tal-provi w imbaghad wara l-konvenut jitlob l-isfilz ta' tali recordings li jkunu lahqu gew prodotti*" u dak odjern fejn jitlob l-awtorizzazzjoni *a priori* biex jaghmel dan.  F'dan ir-rigward hu jissenjala gurisprudenza estera [i.e., ***Schenk v. Switzerland*** (ECHR, 12 ta' Lulju, 1988) u ***Khan v. United Kingdom*** (ECHR, 12 ta' Mejju, 2000)] u gurisprudenza lokali [i.e., **Terence Sammut v. Anthony Borg**, Qorti tal-Magistrati (Malta), 19 ta' Mejju, 2014[8]].  It-Tribunal qara tali gurisprudenza u d-distinzjoni li jipprova johloq il-konvenut ma tezistix fihom. Hawnhekk, jinhassu opportuni r-rimarki maghmula mill-qrati taghna fid-decizjonijiet *in re* **L-Avukat Dr. Dominic A. Cassar noe v. Lawrence Farrugia noe et** (Appell Superjuri, 19 ta' Gunju, 1989),[9] *in re* **Maria Cini v. Lucia sive Lucy Saliba et** (Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 2010),[10] u *in re* **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Appell Superjuri, 19 ta' Aril, 2012).[11]  B'din l-osservazzjoni, it-Tribunal ma qedx jippenalizza lill-konvenut izda sempliciment jigbidlu l-attenzjoni tieghu.

In fine, jigi ribadit, illi l-prezenti provvediment jikkoncerna solament l-ammissibilità tar-registrazzjonijiet telefonici bhala mezz ta' prova u mhux dikjarazzjoni *a priori* li l-kontenut taghhom huwa rilevanti.  Tali rilevanza probatorja, jew in-nuqqas taghha, ghad trid tigi mistharrga fl-istadju opportun fil-kors ta' dan il-procediment.

**Ghaldaqstant**, fid-dawl ta' dak fuq senjalat u konsistentement ma' l-istess – u dejjem salv li eventwalment tigi investigata r-rilevanza relattiva – it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fir-rikors tieghu ta' l-24 ta' Ottubru, 2019 u jawtorizzah jipproduci f'din il-kawza, in evidenza, kopja tar-registrazzjonijiet kollha telefonici u rilevanti fil-

---

[8] Jigi osservat li minn din id-decizjoni, senjalata mill-konvenut, kien sehh appell.  B'sentenza tas-27 ta' April, 2016 il-Qorti tal-Appell (civili, inferjuri) kienet ikkonfermat *in toto* s-sentenza appellata.  Lanqas fis-sentenza fil-grad t'appell m'hemm traccjata d-distinzjoni li jittenta jwettaq il-konvenut fir-risposta tieghu.

[9] "*Il-Qorti tiddeplora l-fatt illi l-attur ikkwota lill-Professur Cremona – in parte – kif irrileva tajjeb il-konvenut Dalli – u halla barra proprju dik il-parti li taghmel test ghall-kwistjoni in dibattitu.  L-esposizzjoni ta' kull tezi quddiem il-Qorti ghandha tkun animata minn sens ta' lealtá u precizjoni li meta jonqsu ma tistax ma ticcensurahomx.*"

[10] "*Huwa importanti li meta qorti ticcita minn sentenza – specjalment meta ticcita mix-chapeau li normalment jipprecedi r-riproduzzjoni tas-sentenza fid-decizjonijiet pubblikati – tassigura ruhha li l-fatti tal-kaz li ghalih tkun qed issir referenza jkunu identici ghall-fatti tal-kaz de quo, jew li ghall-anqas dik il-qorti tkun verament qed tenuncja principju ta' applikazzjoni generali. Huwa perikoluz hafna li wiehed jestrapola minn kawza ghal ohra (haga llum aktar facli bis-sistema tal-cut and paste tal-kompjuters) minghajr ma joqghod attent li dak li jkun qed jigi riprodott ikun verament applikabbli ghall-kaz de quo.*"

[11] "*huwa tajjeb illi min – bħas-soċjetà konvenuta – jiġih il-ħsieb illi jiċċita siltiet ta' sentenzi barra mill-kuntest tagħhom, ikun jaf u jżomm dejjem f'moħħu illi l-qorti ma toqgħodx biss fuq is-siltiet ċitati iżda tara wkoll is-sentenza sħiħa.*"

pussess tieghu marbuta mal-vicenda processwali odjerna, flimkien mat-traskrizzjonijiet ghalihom relattivi, u dan ghandu jsehh bil-mod li gej:

**(i)** jordna li r-registrazzjonijiet kollha telefonici u rilevanti fil-pussess ta' l-attur marbuta ma' dan il-kaz jigu prezentanti mill-attur fl-atti ta' din il-kawza fuq CD jew fuq USB *stick* fi zmien tletin jum (30) kurrenti mid-data ta' dan id-digriet. Kopja ta' l-istess ghandha tinghata lill-konvenut u anke lid-difensur tieghu;

**(ii)** jordna li fl-istess zmien ta' tletin jum (30) kurrenti mid-data ta' dan id-digriet l-attur jaghmel u jipprezenta fl-atti ta' din il-kawza t-traskrizzjonijiet ta' l-imsemmija registrazzjonijiet telefonici, liema traskrizzjonijiet ghandhom juru d-data tal-konversazzjoni/jiet. Dawn it-traskrizzjonijiet ghandhom jigu konfermati bil-gurament mill-persuna li twettaqhom. Kopja ta' l-istess ghandha tinghata lill-konvenut u anke lid-difensur tieghu;

**(iii)** jordna inoltre li l-imsemmija registrazzjonijiet telefonici li jigu prezentanti fl-atti ta' din il-kawza fuq CD jew fuq USB *stick* jigu ukoll mghoddija lil traskrittur tal-qrati sabiex isehhu traskrizzjonijiet ufficjali taghhom. Meta jitlestew dawn it-traskrizzjonijiet, l-istess ghandhom jigu inseriti fl-atti processwali ta' din il-kawza u jiffurmaw parti minnhom.

Kwalsiasi spejjez gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju tal-vertenza, huwa rizervat ghal-gudizzju finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*